# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-22 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**22.01 Talba**

22.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**22.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

22.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**22.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 21**

22.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 21 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**22.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.04.01 Is-Sindku fakkret fil-laqgħa li talbet mal-*Public Works* dwar il-Pjazza tal-Knisja sabiex jiġi stabbilit il-*way forward*, fejn enfasizzat li peress li qatt ma ffirmat il-kuntratt tal-Pjazza, ir-responsabbiltà għadha tal-*Public Works*. Hija esprimiet tħassib li għalkemm bħalissa s-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, jista' jsegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tal-Pjazza, mhux ċar x'ser jiġri f'każ li ma jibqax fil-kariga. Hija żiedet li l-laqgħa msemmija se ssir nhar is-16 ta' Jannar 2026 bil-preżenza tad-DĠ, u li l-Kunsillieri kollha huma mistiedna jattendu. Is-Sindku ħeġġet biex il-Kunsill jippreżenta proposta li l-parti minn quddiem il-Każin tal-Ġilju sa Triq il-Madonna tal-Ġilju, tinqala' u ssir bit-*tarmac* minflok tibqa' ssir manutenzjoni spissa. Il-Kunsillieri qablu mal-proposta tas-Sindku u se jistennew l-eżitu ta' din il-laqgħa.

22.04.02 Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mas-sidien tal-bars, ħwienet u każini fil-Pjazza, fil-preżenza tal-Avukat tal-Kunsill; fejn kienu assenti s-sidien ta' *"Dos Avos"*, *"New Life Bar"*, *"PL Club"* u *"Bottegin del Teatro"*. L-avukat spjegat il-proċedura għall-armar tal-imwejjed u s-siġġijiet tul is-sena u r-responsabbiltajiet legali relatati, filwaqt li ġie enfasizzat id-dmir

tal-Kunsill li jiżgura konformità. Is-sidien preżenti kellhom attitudni pożittiva dwar dan. Ġie deċiż li dawk assenti jiġu infurmati bil-miktub dwar l-eżitu tal-laqgħa, u tfakkar ukoll li l-Kunsill lest joffri għajnuna legali fejn meħtieġ. Ġiet iffissata skadenza sa Ġunju 2026 għar-regolarizzazzjoni. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad magħna fil-laqgħa fis-6:09pm.***

22.04.03 Is-Sindku infurmat li wara li tlesta x-xogħol fi Triq Santa Katerina u wara x-xita li għamlet, feġġew żewġ magħqad ta' ilma li qabel ma kienux jeżistu, u għalhekk infurmat lill-Perit sabiex tittieħed azzjoni qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-proġett. Għal-laqgħa fuq il-post, fejn kienu preżenti l-Perit, il-*Projects Manager*, il-Kuntrattur tal-*Public Works* u s-SE tal-Kunsill, għaliex s-Sindku ma setgħatx tattendi minħabba mard. Is-SE spjegat li magħqad minnhom jinsab kważi kantuniera ma' Triq San Innoċenzju (viċin ix-xelter) u ieħor quddiem Sqaq Numru 1. Il-Kuntrattur indika li hu ħadem mal-livelli li kien hemm, għalkemm ma eskludiex nuqqas fil-parti viċin ix-xelter, u li fejn meħtieġ, isir *scarifying* u jinkesa mill-ġdid wara li jittieħdu l-livelli. Il-Perit ikkonfermat li l-livelli ser jerġgħu jittieħdu u, jekk meħtieġ, tiġi estiża l-medda affettwata biex titjieb il-qalba tal-ilma. Il-Kunsill għandu jirċievi *feedback* mill-Perit. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.04.04 Is-Sindku rreferiet għall-problema fi Sqaq tal-Isqof fejn frieġħi ta' siġar minn proprjetà privata ta' sid li ma jgħix Malta qed jostakolaw it-triq, u b'hekk il-kuntrattur tal-*istreet lighting* ma jistax jidħol biċ-*cherry picker* biex isewwi dawl tat-triq mitfi. Wara talba tas-Sindku u l-*clearance* tal-*ERA*, *Project Green* neħħa ħafna mill-frieġħi; madankollu għad fadal iktar frieġħi li ma setgħux jintlaħqu biċ-*cherry picker*, speċjalment viċin id-dawl imsemmi, li jeħtieġ li jinqatgħu. Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri sabiex, jekk għandhom kuntatt tas-sid, jinfurmawh biex jieħu azzjoni immedjata. Il-Kunsillier Sciberras informa li jista' jagħmel kuntatt mas-sid. Il-Kunsillieri ħadu nota ta'dan.

22.04.05 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Inġinier mill-Enemalta responsabbli mix-xogħlijiet fuq il-*cables* sabiex tissaħħaħ il-provvista tad-dawl. Hija spjegat li x-xogħol s'issa tlesta sal-Qrendi u li fadal parti żgħira fl-Imqabba, fejn ser isiru interventi f'tat-Torba, Triq iż-Żurrieq u Triq il-Familja Brankati. Hija qalet li l-Inġinier ikkjarifika magħha li l-parti ta' Triq il-Familja Brankati fejn kienet niżlet it-triq mhux ser tintmess. Il-Kunsillieri ħadu nota ta'dan.

22.04.06 Dwar il-proġett fil-barriera tal-Mitħna, is-Sindku infurmat li x-xogħlijiet jinsabu għaddejjin. Hija żiedet li *Projects Green* talbu estensjoni sabiex ix-xogħol ikun jista' jkompli sa nofs il-lejl matul ix-xahar ta' Jannar 2026, minħabba l-iskadenza biex il-proġett jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2026. Il-Kunsillieri ħadu nota ta'dan.

22.04.07 Is-Sindku qalet li x-xogħlijiet minn IM fi Triq Mons Alfons Caruana u fi Triq il-Lanġasa jinsabu għaddejjin; madankollu, kien hemm xi ftit ilmenti minn residenti minħabba li x-xogħol qed isir matul il-perjodu tal-Milied, filwaqt li oħrajn esprimew sodisfazzjon u x-xewqa li x-xogħlijiet jitlestew mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.04.08.a Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni SPI.SCI.05.2025 – Finanzjament Karnival 2026 ġiet milqugħa u l-Kunsill ser jibbenefika minn €5,000 għall-attività tal-Karnival fl-Imqabba, li kif deċiż qabel, ser issir nhar id-9 ta' Frar 2026 bejn il-5.00pm u s-7.00pm. Wara diskussjoni

li kellha mal-Kunsillier Ghigo ġie propost li l-attività ssir f'Misraħ il-Fidwa minħabba x-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja u l-ħin tal-quddiesa. Il-Kumpanija *Dream Team* ser tipprovdi żifna tal-Karnival, qed jiġi identifikat provditur għall-maskaruni u parteċipanti oħra għaż-żfin. "Tikka Banda" tawna stima għal banda ta' 14-il persuna flimkien ma' *entertainer.* Ser tiġi organizzata wkoll sfilata tat-tfal b'reġistrazzjoni minn qabel fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn fl-aħħar tingħatalhom tifkira tal-okkażjoni.

22.04.08.b Fuq l-istess tema u skont Punt 6 tal-Aġenda – Karnival 2026, is-Sindku rreferiet għall-*Party* tal-Karnival għat-Tfal, tal-10 ta' Frar 2026 fis-Sala tal-Iskola Primarja, fejn qed tistenna risposta mill-Bord tal-Edukazzjoni peress li l-*attendant* m'għadhiex disponibbli. Is-Sindku offriet li l-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif, u l-aċċess isir mil-librerija pubblika bir-responsabbiltà tittieħed minnha.

22.04.08.ċ Is-Sindku żiedet li l-*Afternoon Tea* fis-Sala tal-Iskola nhar il-25 ta' Jannar 2026, tħassar u qed jiġi kkunsidrat li jsir fl-1 ta' Frar 2026 suġġett għal *feedback* pożittiv mill-Bord tal-Edukazzjoni. Hija infurmat ukoll li ġie ċċarat mad-DĠ għall-Gvern Lokali u mas-Segretarju Parlamentari A. Civelli, li l-Kunsill ma jħallasx kera tas-Sala tal-Iskola iżda biss għat-tindif u għall-*attendant*.

22.04.08.d Rigward ir-reċta "Ġurdien f'Kordin" mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, fis-Sala tal-Iskola, qed tistenna wkoll risposta mill-Bord tal-Edukazzjoni.

22.04.08.e Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan kollu msemmi.

**22.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

22.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-*Pelican Crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, faċċata ta' Ġnien Mikielanġ Sapiano, fejn is-SE infurmatu li bagħtet imejl lill-entità konċernata biex jitranġa l-ħin allokat sabiex il-*pedestrians* ikunu jistgħu jaqsmu, peress li jaqleb wisq malajr. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar id-dislivell li jinsab fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn hemm installat il-*bus stop*. Is-S.E. infurmat li għadha trid tintbagħat korrispondenza lil IM sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-*water leak* tal-funtana fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Il-Viċi Sindku wieġeb li s'issa għadu ma tkellimx ma' Joe, li kien involut fit-tiswija tal-funtana tal-Ġnien tal-Mentna. Il-Kunsillier Galea informa li għandu d-dettalji ta' kuntatt ta' persuna li tista' possibilment tassisti f'din is-sitwazzjoni. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar tliet bozoz fi Ġnien Onġi Onġella li għadhom ma xegħlux anke wara l-installazzjoni tal-*photo cell* mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-S.E. infurmat li ser tivverifika mal-ħaddiema dwar l-istat ta' dawn il-bozoz u tieħu l-azzjoni meħtieġa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-bankina li saret fi Triq il-Pal, kantuniera ma' Triq Santa Katerina. Is-S.E, spjegat li din il-bankina nbniet mis-sid tas-sit ta' kostruzzjoni fuq struzzjonijiet ta' Transport Malta, fejn ġie mitlub li l-*hoarding* jitqiegħed fuq il-kurduna tal-bankina eżistenti u li tinbena bankina temporanja barra mill-*hoarding* sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-*pedestrians* sakemm titlesta l-binja jew parti minnha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk laqgħat oħra, minbarra dawk uffiċjali tal-Kunsill, ikunux irreġistrati jew ikollhom minuti. Is-Sindku wieġbet li meta jsiru tali laqgħat hija tistieden lill-Kunsillieri u temmen li għalihom jittieħdu l-minuti. Is-S.E. spjegat li jittieħdu minuti għal-laqgħat li jsiru fl-uffiċċju u li hija tkun preżenti fihom, filwaqt li ma tittieħed ebda reġistrazzjoni ta' attendenza. Laqgħat oħra li jsiru mas-Sindku biss ma jkunux *minuted*. Is-Sindku żiedet li ma jkollha l-ebda diffikultà li tiskuża lil kwalunkwe Kunsillier li jinfurmaha minn qabel li ma jkunx jista' jattendi għal xi laqgħa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.05.07 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-tiġieġ fit-triq. Is-Sindku infurmat li kienet ikkuntattjat lill-Pulizija tal-Komunità, li kkonfermaw li ma jistgħux jieħdu azzjoni f'dan ir-rigward. Hija żiedet li, skont l-*Animal Welfare*, din il-materja ma taqax taħt il-kompetenza tagħhom peress li tirrigwarda tjur. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**22.06 Karnival – 2026**

22.06.01 Dan il-punt ġie diskuss fil-Komunikazzjoni mis-Sindku waqt din il-laqgħa, fil-punti 22.04.08.b sa 22.04.08.d.

**22.07 *Administration Officer I (Scale 12)***

22.07.01 Is-Sindku infurmat li l-Bord intervista lill-applikanti eliġibbli, iżda waħda minnhom ma setgħetx tattendi fil-ġurnata tal-intervisti minħabba safar, u għaldaqstant ingħatat appuntament ieħor qabel il-laqgħa tal-lum tal-Kunsill sabiex il-Bord ikun jista' jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Madankollu, l-istess applikanta llum tinsab ma tiflaħx. Il-Bord qabel li tingħata opportunità oħra għall-intervista nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2026, u li jekk ma tattendix, il-proċess ikompli abbażi tal-applikanti diġà intervistati. Is-Sindku qalet li minn fost dawk intervistati s'issa, hemm żewġ kandidati eliġibbli għall-ħatra u ssuġġeriet li, peress li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill hija fi żmien xahar, il-Bord għandu jingħata d-delega sabiex jaħtar lill-applikant/a li jikseb/tikseb l-ogħla punti fl-intervista, bir-ratifika tad-deċiżjoni ssir fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

**22.08 *Performance Appraisal* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

***L-istreaming ta' din il-laqgħa ġie temporanjament sospiż mis-6:50pm sat-7:48pm sabiex ġew diskussi il-performance appraisals tal-Iskrivana u tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.***

22.08.01 Is-Sindku qalet li f'dan il-punt tal-aġenda ġew diskussi l-*performance appraisals* tal-impjegati fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba u li, b'deċiżjoni unanima, ġie

approvat li mill-massimu ta' 10%, l-Iskrivana tingħata 6% filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata 5%.

**22.09 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

22.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

22.09.02 Is-Sindku infurmat li rċeviet ittra mit-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, dwar appell dwar relatat ma' applikazzjoni *PA 05709/23 – 'Primavera' Triq il-Mitħna L-Imqabba – To demolish existing terraced house. Excavation of basement level. Construction of 3 garages at basement level, 1 maisonette at ground floor, 3 apartments and 1 penthouse at receded level.* Il-Kunsill, bħala konsulent estern, hu mitlub jindika jekk huwiex interessat li jipparteċipa fis-smigħ tal-appell. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill ma kienx ressaq oġġezzjoni għal dan il-permess, u għaldaqstant il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament li m'hemmx għalfejn li l-Kunsill ikun parti mis-smigħ tal-appell.

**22.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

22.10.01 Is-S.E. infurmat li ġiet avviċinata minn resident fi Sqaq l-Isptar li qed jiffaċċja diffikultà biex jaċċessa l-garaxx tiegħu minħabba d-djuq tal-isqaq meta jipprova jidħol min-naħa ta' Triq Mikelanġ Sapiano, u għaldaqstant ikun kostrett jidħol b'lura min-naħa tal-*Maypole*, b'riskju li jiġi mmultat peress li d-dħul minn dik in-naħa huwa pprojbit. Ir-resident talab li ssir talba biex it-tabella eżistenti tinbidel għal *"One Way except for residents"*. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-każ huwa ġustifikat u approvaw li ssir talba formali ma' TM f'dan ir-rigward.

22.10.02 Is-S.E. infurmat li ġiet avviċinata minn resident fi Triq is-Saljatura fejn bil-parkeġġ ta' vetturi biswit garaxx li jinsab f'parti tat-triq li qiegħda skuntrata ma jkunx jista' jara jekk ikunux ġejjin karozzi qabel joħroġ. Is-Sindku qalet li għandhom isiru d-*double yellow lines* fuq kull naħa tal-entratura tal-garaxx. Is-S.E. qalet li bil-linji biss ma tissolvix il-problema kompletament u għaldaqstant ġie suġġerit ukoll li tiġi nstallata mera tat-traffiku faċċata tal-garaxx. Il-Kunsillieri preżenti qablu dwar dan.

22.10.03 Is-Sindku qalet li hemm bżonn issir mera tat-traffiku fit-tarf ta' Triq il-Karmnu, faċċata ta' Sqaq il-Knisja, peress li min ikun ħiereġ mill-isqaq ma jkunx jista' jara jekk ikunux neżlin vetturi minn Triq il-Karmnu. Il-Kunsillieri preżenti qablu mal-installazzjoni tal-imsemmija mera fl-imsemmi sit.

22.10.04 Is-S.E. qrat korrispondenza mingħand resident fi Triq il-Parroċċa li rrapporta problema ta' magħqad ta' ilma tax-xita minħabba l-qalba tal-ilma tat-triq lejn il-proprjetà tiegħu, li qed tikkawża titjir ta' ilma fuq il-faċċata u ilma fl-entratura tad-dar, u ssuġġerixxa l-installazzjoni ta' *gutter*. Is-Sindku spjegat li l-*gutter* eżistenti msemmi ma kienx sar mill-Kunsill iżda minn *Public Works* u li, qabel ma jiġi kkunsidrat li jsir *gutter*, irid jiġi stabbilit fejn ser jiġi devjat l-ilma. Il-Kunsilliera qablu li jintalbu ritratti addizzjonali meta jkun hemm maħqad sew ta' ilma sabiex il-każ jiġi evalwat aħjar.

22.10.05 Is-S.E. infurmat li rċevejna korrispondenza mingħand individwu li ressaq talba għal kumpens relatata ma' ħsara fil-vettura tiegħu allegatament ikkawżata minn ħofra fi Triq Ħal Kirkop, l-Imqabba, u li magħha kien mehmuż rapport tal-Pulizija. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu unanimament li qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, għandha tintalab evidenza fotografika meħuda fil-ħin tal-inċident sabiex jiġi kkonfermat l-każ, peress li tali ħsara tista' tiġi allegata li seħħet fi kwalunkwe ħofra.

22.10.06 Is-S.E. qrat ilment rigward is-sitwazzjoni ta' parkeġġ fi Triq il-Friefet, fejn ġie rrappurtat li vetturi qed jipparkjaw bl-*exhaust pipe* lejn ir-residenzi u b'mod li l-*body* tal-vetturi jispiċċa fuq il-bankina minkejja li r-roti jkunu fit-triq, b'konsegwenza ta' inkonvenjent għar-residenti, diffikultà fl-aċċess għall-garaxxijiet u ostaklu biex tgħaddi l-vettura tal-ġbir tal-iskart minħabba parkeġġ irregolari. Wara diskussjoni fid-dettall, il-Kunsilliera qablu li jintalab parir u direzzjoni mingħand TM dwar is-sitwazzjoni ta' parkeġġ f'din it-triq.

22.10.07 Is-S.E. infurmat li rċevejna stima mingħand kuntrattur rigward *patching* fi Triq tas-Sejba u fi Triq l-Imterrqa. Is-Sindku tat struzzjonijiet lis-S.E. biex tinforma lill-kuntrattur biex jibda x-xogħol tal-*patching* fi Triq tas-Sejba, filwaqt li fir-rigward ta' Triq l-Imterrqa għandu jippreżenta spjegazzjoni dettaljata ta' kif se jsir ix-xogħol propost, kif ukoll jipprovdi stima tal-*patching* kollu meħtieġ fi Triq Ħal Kirkop, miċ-Ċimterju lejn iż-Żurrieq. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.10.08 Is-S.E. qrat korrispondenza mingħand Christine Ellul f'isem il-programm televiżiv 'Mill-Għatba 'l Barra', li jixxandar kull nhar ta' Sibt fuq TVM, fejn talbet l-assistenza tal-Kunsill Lokali sabiex jirrakkomanda persuni mil-Imqabba li jistgħu jipparteċipaw f'episodju li ġej, b'mod partikolari artisti, kolletturi, *framers* u storiċi jew persuni midħla tal-istorja u l-wirt tal-lokalità, sabiex tiġi promossa l-kultura tal-komunità. Il-Kunsillieri ddiskutew din it-talba u s-Sindku infurmat li diġà qed taħdem fuq il-lista mitluba. Madankollu ġie maqbul li hemm bżonn tintalab kjarifika dwar jekk hemmx xi spejjeż involuti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.10.09 Is-S.E. infurmat li fil-*customer care* qed ikollna każijiet frekwenti relatati ma' permessi għal depożitu ta' makkinarju fit-triq, fosthom *High-Up, Cherry Picker* u *Tower Ladder*, fejn teżisti għażla bla ħlas meta jkun indikat li l-makkinarju hu *"parked properly and not obstructing traffic"* u għażla oħra bi ħlas ta' €10 meta jkun *"affecting traffic flow"*. Is-S.E. żiedet li xi applikanti jargumentaw li f'Kunsilli oħra ma jħallsux għal dan it-tip ta' makkinarju. Madankollu, fil-Kunsill tagħna minn dejjem ġie adottat il-prinċipju li tali makkinarju, minħabba l-estensjoni u l-użu tas-saqajn tiegħu fit-triq, bilfors jaffettwa t-traffiku u għalhekk għandu jkun suġġett għal ħlas. Fid-dawl li dawn il-permessi jiġu pproċessati kuljum kemm mill-*customer care* u fosthom isiru anke *online*, fejn ta' spiss tintgħażel l-għażla bla ħlas, is-S.E. talbet direzzjoni dwar kif għandu jimxi 'l quddiem il-Kunsill dwar dan. Wara diskussjoni, il-Kunsillieri qablu mal-proposta tas-Sindku li tintalab gwida formali mingħand id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali.

**22.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

22.11.01 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk ġietx irrappurtata lampa tat-triq mitfija fi Triq il-Murselli kantuniera mas-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. ħadet nota sabiex tiġi

rrappurtata wara li s-Sindku kkonfermat li ma kienx hemm rapporti dwarha. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

22.11.02 Il-Kunsillier Galea rrapporta li fis-*central strip* fi Triq tas-Sejba, kantuniera ma' Triq Ħal Farruġ, it-tabella tat-triq intlaqtet u tinsab ċatta fuq l-imsemmija *central strip*, kif ukoll li hemm ħofra eżatt biswit l-istess post li teħtieġ li timtela bil-*cold asphalt* minħabba li hija ta' periklu. Is-S.E. ħadet nota u indikat li ser tieħu l-azzjoni meħtieġa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.11.03 Il-Kunsillier Galea reġa' ġibed l-attenzjoni dwar id-dawl tat-triq bil-ħsara f'Misraħ il-Fidwa u fi Triq il-15 ta' Settembru. Is-S.E. infurmat li, skont il-kuntrattur tal-Kunsill, waħda mil-lampi għandha *line cut.* Madankollu, hija żiedet tgħid li ser tiċċekkja dwar iż-żewġ lampi sabiex tiġi kkonfermata s-sitwazzjoni u jittieħdu l-passi meħtieġa. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

22.11.04 Il-Kunsillier Galea ppropona li l-ispazju ta' parkeġġ li jinsab fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, biswit plot mhux użat bejn Triq Xandru Farrugia u Triq il-Franka, jiġi riorganizzat b'mod li parti minnu tkun allokata għall-vetturi u parti oħra għall-muturi, peress li bħalissa l-ispazju qed jintuża b'mod mhux regolat mis-sewwieqa tal-muturi. Is-suġġett ġie diskuss mill-Kunsillieri u, filwaqt li s-Sindku ma qablitx li jsiru tibdiliet, ġie deċiż li jintalab il-parir tal-kuntrattur KOPTASIN u li l-kwistjoni terġa' titressaq għall-kunsiderazzjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa fid-8:42pm***

22.11.05 Il-Kunsillier Ghigo informa li ġie avviċinat minn rappreżentanti tas-Soċjetà Santa Marija sabiex id-dawl li hemm jagħti għal fuq l-istatwa ta' Santa Marija fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, jitqawwa u, idealment, jiġi rilokat mal-arblu f'nofs ir-*roundabout* minflok mill-pożizzjoni preżenti. Is-S.E. fakkret li fil-passat id-dawl kien tnaqqas minħabba inkonvenjent lir-residenti ta' wara l-istatwa. Is-Sindku qalet li din it-talba tiġi kkunsidrata biss jekk jiġi ppreżentat kunsens bil-miktub mir-residenti konċernati. Il-Kunsillieri qablu u ħadu nota.

22.11.06 Il-Kunsillier Ghigo ġibet l-attenzjoni dwar il-lampa tat-triq li hemm fi Triq l-Imterrqa kantuniera ma' Triq il-Ħarriġiet li tinsab imdawwra u li hemm bżonn li titranġa. Is-S.E. ħadet nota sabiex il-każ jiġi rrapurtat biex il-lampa ddur kif suppost. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**22.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/22**

22.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/22 ġiet approvata bil-kundizzjoni li l-ammonti relatati mal-kuntrattur tar-restawr tal-Isptar il-Qadim jiġu emendati kif diskuss u maqbul.

**22.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

22.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:12 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 23 ta' Jannar 2026.

**IFFIRMATI**

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**IFFIRMATI**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**